# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 150/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Patrick Muscat**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Patrick Muscat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 346273M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar l-Erbgħa l-1 t'Ottubru, 2014 għall-ħabta tal-6:45hrs fl-inħawi tal-Ħandaq limiti tas-Siġġiewi:

1. Waqt staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar mhux minn fuq il-baħar, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja xi għasfur, jew ġarr xi munizzjoni jew arma tan-nar barra l-għata tagħha u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71)

2. Żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u cioe'rixa ta' Kuċċarda *Pernis apivorus* (inkluża fl-iskeda I) kontra d-diposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti meta dak l-għasfur ma kienx ġie ddikjarat u reġistrat mal-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u mingħajr ma ingħatajt il-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' kompetenti sabiex iżomm dak l-għasfur u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, żamm għasfur, kemm ħaj , kemm mejjet jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u cioe' rixa ta' Kuċċarda Pernis apivorus(inkluża fl-iskeda I), meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-istat Membru l-ieħor u dawk l-għasafar ma kienux miġjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi ksur ta' regolamenti 4 (1) (f) ta' l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71.

4. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi naqas milli iżomm fil-pussess tiegħu u għal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjuni u cioe' rixa ta' kuċċarda *pernis apivorus* (inkluża fl-iskeda I) il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sofisfazzjon tal-awtorita'

kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 504.71.

U aktar talli fl-istess data għall-ħabta tal-10:00a.m. u fis-snin ta'qabel fil-fond 17A, Triq il-Kbira, Żebbuġ:

5. Żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet jew parti minn xi għasfur , li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u cioe' Nankini *Cursorius Cursor* u Glalez Homor *Crex Crex* (Inklużi fl-Iskeda I), kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti meta dak l-għasfur ma kienx ġie dikjarat u reġistrat ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u mingħajr ma ngħata l-permessi jew ċertifikati mill-Awtortita' Kompetenti sabiex iżżomm dak l-għasfur u dan bi ksur ta' regolament 4(1) (e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat , L.S. 504.71

6. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm għasfur, kemm ħaj , kemm mejjet jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u cioe' Nankini *Cursorius Cursor* u Glalez Homor *Crex Crex* (Inklużi fl-Iskeda I),meta dawk l-għasafar ma kienux ttieħdu fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-istat Membru l-ieħor u dawk l-għasafar ma kienux miġjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4(1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71.

7. Akkużat ukoll talli fl-istess data ,lok , ħin u ċirkostanzi naqas milli iżżomm fil-pussess tiegħu u għal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjuni u cioe' Nankini *Cursorius Cursor* u Glalez Homor *Crex Crex* (Inklużi fl-Iskeda I), il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat , L.S. 504.71

8. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalżmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-iskeda III li tinsab mar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u cioe' Nankini *Cursorius Cursor* u Glalez Homor *Crex Crex* (Inklużi fl-Iskeda I), li ma kienux reġistrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fiż-żmien stipulat fis-subregolament (6) ta' regolament 21 tal-A.L. 79 tal-2006 bi ksur tar-regolament 21 (5) tal-A.L. 79 tal-2006.

9. Ittrasferixxa jew b'xi mod ieħor iddispona minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament (1) (e) ta' regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (uħud inklużi fl-iskeda I jew l-iskeda IX) mingħajr ma għamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u mingħajr ma kellek awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew disponiment mogħti fid-diskrezzjoni tagħha, bi ksur ta' regolament 4(2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat .

Il-Qorti kienet mitluba illi oltre li timponi l-multa applikabbli taħt ir-regolament 27 (2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar u taħt it- Taqsima XV tal-kodiċi tal-liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-16 ta' Marzu 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u kkundannatu għal multa ta' elfejn Ewro (€2,000) kif ukoll issospendietlu l-liċenzja għal sentejn u kkonfiskatlu l-għasafar esebiti;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Patrick Muscat ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2016 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponenti Patrick Muscat ħati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skont il-liġi. **Alternattivament**, u mingħajr pregudizzju, **tħassarha** f'dik il-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat :

1. Illi l-gravami tal-appellant li bihom jillanja s-sentenza appellata lkoll jirrigwardaw il-kwalita' tal-prova mressqa u li dawn ma setghu qatt iwasslu ghal sejbien ta' htija fid-decizzjoni tal-ewwel Qorti li hu jallega li hija wahda *unsafe and unsatisfactory.*

2. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, din il-Qorti hija fid-dover illi tissolleva apparenti karenza fis-sentenza appellata li wisq drabi kien ritenut li jwassal ghan-nullita' taghha. L-appellant kien imputat b'xejn anqas minn disa (9) imputazzjonijiet. Minn dawn, l-ewwel Qorti rriproduciet biss erbgha (4) fis-sentenza taghha;

3. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi dwar l-ingredjenti ghall-ghoti ta' sentenza valida u jghid testwalment hekk:

> **Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikoli ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**

4. Issa, ghad illi kien hemm, hemm u ghad ikun hemm diversi fehmiet dwar it-tifsir tal-kliem "tghid il-fatti", sal-lum kien meqjus illi meta l-Qorti tirriproduci l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat tkun qed tissodisfa l-vot tal-ligi. Bosta kienu dawk il-gravami li kienu michuda meta allegaw illi l-kelma "fatti" ghandha tiftiehem bhala li tfisser "motivazzjoni". Dwar dan ssir referenza, u per ezemplari, ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Albert Caruana** App Krim

120/2015 tat-30 ta' Jannar, 2017. Din il-Qorti hija konvinta li d-diskussjoni ma għandhiex tieqaf hawn u għadha waħda ħajja u dan kif indikat f'sentenzi oħra li indikaw li wasal iż-żmien li jkun tassattiv fuq il-Qorti li tagħti l-motivazzjonijiet tagħha almenu f'kawżi ta' ċertu portata. 'L hinn minn dan kollu, iżda, fil-każ odjern, l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel dak il-minimu li tirriproduċi l-imputazzjonijiet bħala l-fatti tal-każ;

5. Issa apparti li dan fih innifsu ġia jiprospetta nullita' fis-sentenza, għandu bħala konsegwenza b'mod ancillari li meta l-ewwel Qorti ddikjarat li qed "issib lill-imsemmi imputat ħati tal-akkuzi [*recte*: imputazzjonijiet] kif dedotti" kienet qed tagħmel ħebb **biss** dwar dawk l-imputazzjonijiet li jidhru elenkati fil-parti inizzjali tas-sentenza, iġifieri ta' erbgħa minn disa' imputazzjonijiet. Isegwi għalhekk illi l-ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra l-imputat. Dan hu evidenti ukoll mill-artikoli tal-liġi li l-ewwel Qorti indikat li dwarhom kienet qed issib ħtija liema artikoli hekk kif mniżżla ma jirriflettux l-imputazzjonijiet kollha;

6. Dan kollu jirriżulta f'nuqqas ta' formalita' essenzjali li jġib miegħu in-nullita' tas-sentenza. Konsegwentement qed tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett;

7. Issa, minkejja li l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi f'ċirkostanza bħal dik appena dikjarata din il-qorti għandha tisma' u tiddeċiedi hi l-każ mill-ġdid, adempiment ma' dan l-artikolu ser jirreka sitwazzjoni fejn l-imputat ser ikun ġudikat fuq fatti li qatt ma kienu konsiderati qabel. Huwa għalhekk li din il-Qorti mhix ser tiddeċiedi il-każ hi u ser tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tikkonsidra u tiddeterminah mill-ġdid;

8. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett kawza li hi karenti minn formalita' essenzjali ghall-validita' taghha, tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.